# Il-Ħadd 12.04.2015

1. Illum 12/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni;
   - Fil-6:00pm - Quddiesa.

2. Mit-Tnejn 13/04 jibda it-Tberik fil-Familji. Segwu il-programm fuq il-fuljett 'Flimkien': Din il-ġimgħa jmiss:-
   - It-Tnejn 13/04: Triq iż-Żurrieq (in-naħa ta' Dun Karm), Triq Dun Karm Lia
   - It-Tlieta 14/04: Triq iż-Żurrieq (in-naħa tas-Sorijiet), Triq in-Nassaba
   - L-Erbgħa 15/04: Triq it-Tellerit, Triq is-Summien, Triq il-Kuċċard, Triq Salvu Cauchi
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 17/04: Triq San Pawl, Triq il-Puniċi.

   ***IMPORTANTI***
   - It-Tberik jibda għall-4:30pm.
   - Biex ħadd ma jistenna bla bżonn, iż-żjara u t-tberik l-aħjar li jdum massimu ta' 10 minuti.
   - Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fir-Restawr ta' San Pawl u fil-manutenzjoni tal-knisja.
   - Ser titqassam formola sabiex timtela bid-dettalji mitluba u tinġabar lura fit-Tberik sabiex inkunu nistgħu naġġornaw l-*Istatus Animarum*, jiġifieri d-database ta' dawk kollha li joqgħodu fil-parroċċa tagħna.

3. Il-Ħamis 16/04:
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 18/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, ir-Rabat

5. Il-Ħadd 19/04, **it-Tielet Ħadd tal-Għid - Jum il-Karità**:
   - Tul din il-ġimgħa ser ikollna xi qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lid-Dar Sagra Familja, Ħaż-Żabbar b'ġest ta' Karità u għajnuna tant bżonnjuża.

6. Il-Ħamis 23/04:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji aktar 'il quddiem mingħand il-helpers.